The following tenders required for the project entitled The Setting up of a Rural Heritage Trail from tal-Blat to tal-Ħlas in Qormi, a project part financed by the European Union under the Rural Development Programme from Malta 2007-2013:-

Advt. No. QLC/FGX/17/09.a. Embellishment works infront of tal-Ħlas Chapel.

Relevant documents, copies of which may be collected and inspected during normal office hours free of charge, at Ħal Qormi Local Council's Administrative Office.

The public may attend during the opening and scheduling of the tenders on Friday 26th July 2013 at 12.00pm in the Council's Administrative Offices. For further details please contact the Executive Secretary on: 2144 0101 or: (qormi.lc@gov.mt).

25th June, 2013

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 - 2013
Assi 3 - Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja f'Żoni rurali
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' ko finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
Tender Part Financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Lulju, 2013 jilqa' offerti magħluqin li ġew estiżi għal:

Avviż Nru. 09/2013. Knis ta' toroq, qtugħ ta' ħaxix u tindif ta' toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti kollha għandhom jiġu sottomessi u depożitati bl-idejn f'envelop magħluq. Aktar tagħrif inkluż formoli/dokumentazzjoni jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anki l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-25 ta' Ġunju, 2013

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Monday, 1st July, 2013, in view of the extension for:-

Advt. No. 09/2013. Street sweeping, grass cutting and clearing of non urban roads.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

All tenders are to be submitted and deposited by hand in sealed envelopes. Further information and forms/documentations may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Tenders will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any offer or part thereof, even the most advantageous.

25th June, 2013

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali iż-Żurrieq jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Lulju 2013 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż. Nru. 03/13. Librara fil-Fergħa tal-Librerija fiż-Żurrieq.

Id-Dipartiment tal-Libreriji u l-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq jirċievu applikazzjonijiet (ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' *Curriculum Vitae*) fil-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq.

Ħtiġiet:

Diploma fl-istudju tal-librerija u informazzjoni jkunu ta' *assett*.

Esperjenza f'Libreriji oħra

Ħinijiet tal-ftuħ:
Tlieta 4.00 p.m. – 6.30 p.m.
Sibt 8.00 a.m. – nofsinhar.

Aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq: 21642 974/5.

Il-25 ta' Ġunju, 2013

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Wednesday 24th July 2013 for:

Advt. No. 03/13. Librarian at the Żurrieq Branch Library.

The Department of Libraries and the Żurrieq Local Council are receiving applications (letter of application together with the Curriculum Vitae) at the Żurrieq Local Council.

Requirements:

Diploma in Library and information studies will be an asset

Experience in other libraries

Opening hours :
Tuesday 4.00 p.m. – 6.30 p.m.
Saturday 8.00 a.m. – noon.

Further details may be obtained from the Executive Secretary on: 21642 974/5.

25th June, 2013

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1043

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fid-29 ta' Mejju 2013, Rikors Nru 539/2013, minn John Sarè fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess John Sarè (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' terz (1/3); favur Marylin Zammit, bint Michelina née Sarè u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż; u r-rimanenti terz (1/3) indiviż favur Malcolm Mallia u Audrienne Spiteri Gonzi, ulied il-mejta Joyce née Sarè fi kwoti ndaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' Maria sive Mary Sarè, xebba, bint il-mejtin Francis Saviour Sarè u Giovanna sive Jane xebba Zammit, imwielda Birkirkara, residenti Pietà u ftit qabel il-mewt tagħha kienet residenti fl-isptar Sar Vincenz Luqa, fejn mietet fl-24 ta' Novembru 2012 ta' 79 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 22938(M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 14 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 29th May 2013, Application number 539/2013 by John Sarè, whereby he prayed that it be declared open in favour of the same John Sarè (brother of the decujus) and this in the quota of one third (1/3); in favour of Marylin Zammit, daughter of Michelina nee Sarè and this in the quota of one third (1/3) undivided share; and the remainder one third in favour of Malcolm Mallia and Audrienne Spiteri Gonzi, children of the late Joyce nee Sarè in equal shares between them the SUCCESSION of Maria sive Mary Sarè, unmarried, daughter of the late Francis Saviour Sarè and Giovanna sive Jane née Zammit, born and resided in Pietà and before she died she resided in Saint Vincent de Paul Hospital Luqa where she died on the 24th November 2012 aged 79 holding identity card number 22938 (M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 14th June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1044

B'digriet tat-12 ta' Ġunju, 2013, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12)

Illi b'rikors preżentat minn Roger A Strickland fid-9 ta' Mejju, 2013, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta'€300 u €10,000 depożitat b'ċedoli numru 612/13 u 613/13 depożitat minn Philip Farrugia u BM IT Limited. Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lil partijiet interessati b'erbat ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla, illum l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju, 2013.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 12th June, 2013, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

That by an application filed by Roger A Strickland on the 9th May, 2013, is asking for the withdrawal of the amount of €300 and €10,000 deposited by Schedules of Deposit number 612/13 and 613/13, lodged by Philip Farrugia and BM IT Limited. The Court ordered the notification of this application to the interested parties with a four day period to file a reply.

Registry of the Civil Court First Hall, today Wednesday, 19th June, 2013.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1045

B'digriet tat-13 ta' Mejju, 2013, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-8 ta' Frar, 2013, minn Kevin Azzopardi (KI: 78078M) u martu Frances Azzopardi (KI: 27980M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Iż-żewġ appartamenti bin-numri wieħed (1) u tlieta (3) formanti parti minn blokk illi nbena minflok il-fond tnejn u sittin (62), Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, liema fondi huma soġġetti għal sehem miċ-ċens annwu u perpetwu ta' tnejn u tmenin ewro centeżmi (€0.82c) kif ukoll tal-partijiet komuni tal-istess blokk u ċioè il-bieb ta' barra, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ, il-lift u l-lift shaft, is-sistemi tad-drains, drenaġġ u ilma tax-xita u ta' dawk il-partijiet li normalment huma intiżi għall-użu komuni, kif ukoll livell ta' garaxxijiet.

L-imsemmi fond hu proprjetà ta' George Galea KI: 41573 (M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2013.

DIANE MIFSUD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 13th May, 2013 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 8th February, 2013 by Kevin Azzopardi (ID: 78078M) and his wife Frances Azzopardi (ID: 27980M), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

Two apartments numbered one (1) and three (3) forming part of a block which was built instead of the tenement sixty two (62), Triq San Luqa, St. Paul's Bay, the said apartments are subject to a share of an annual and perpetual ground rent of eighty two euro cents (€0.82c) as well as the common parts of the said block, that is, the main door, stairs, stairwell, lift and lift shaft, drains, drainage and rain water and of those parts which are usually intended for the common use, as well as a level of garages.

The said tenement is the property of George Galea ID: 41573 (M).

Registry of the Superior Courts, this 20th June, 2013.

DIANE MIFSUD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1046

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-10 ta' Ġunju 2013, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Bonavia Irene et vs Camilleri Joseph, rikors numru 367/13 JA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Irene Bonavia u żewġha Mark Bonavia għal kull interess li jista' jkollu K.I. 309074M u 444467M rispettivament versus Joseph Camilleri K.I. 176463M, fis-17 ta' April 2013, talbu l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja:

1) Tiddikjara li l-konvenut nhar l-1 ta' April 2013, ikkommetta spoll meta qabad u daħal fl-għalqa jew porzjoni minnha gawduta mill-atturi u qala' siġar u wettaq xogħol fiha, tordna lill-konvenut sabiex jirripristina u jirrijintegra lill-atturi, fil-pussess tal-jeddijiet pjeni tagħhom, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 10th June 2013, in the records of the Sworn Application, in the names Bonavia Irene et vs Camilleri Joseph, application number 367/13 JA, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Irene Bonavia and her husband Mark Bonavia, for any interest he may have I.D. 309074M and 444467M respectively versus Joseph Camilleri I.D. 176463M, on the 17th April 2013, asked the defendant to state why this Honourable Court should not, saving any necessary declaration:

1) Declare that the defendant on the 1st April 2013, committed a spoilation when he entered in the field or part of it enjoyed by the plaintiffs and uprooted the trees and carried out work therein, order the defendant to restore and reintegrate the applicants in the possession of their full rights and uphold the other demands in the application.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut, li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Għazzara View, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad, l/o ta' San Pawl il-Baħar.

Konvenut: Paddock, Triq id-Dwieli, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bonavia Irene et vs Camilleri Joseph, rikors numru 367/13 JA, jinsab differit għas-smigħ għall-5 ta' Lulju 2013, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 18 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the defendant, who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: Għazzara View, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad, l/o, Saint Paul's Bay.

Defendant: Paddock, Triq id-Dwieli, St. Paul's Bay.

The Sworn Application in the names Bonavia Irene et vs Camilleri Joseph, application number 367/13 JA, has been put off for hearing to the 5th July 2013, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1047

B'digriet mogħti, fit-13 ta' Ġunju 2013, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2028/08 fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2028/08, Kevin Caruana (K.I. 360955M) u Antonia Caruana (K.I. 293358M) u Vincent u Catherine konjugi Camilleri (K.I. 244869M u 553148M) rispettivament vs Carmen u Ronald konjugi German (K.I. 295935M u 682440M) rispettivament, fit-8 ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti Kevin Caruana (K.I. 360955M) u Antonia Caruana (K.I. 293358M) u Vincent u Catherine konjugi Camilleri (K.I. 244869M u 553148M) rispettivament esponew bir-rispett:

1. Illi in eżekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Kevin Caruana et vs Carmen German et deċiża fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), ir-rikorrenti ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 2028/08 kontra l-intimati German, sabiex jiġu deskritti l-oġġetti mobbli li hemm fil-fond Helipolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl il-Baħar, St. Paul's Bay, liema oġġetti ġew ukoll maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid numru 908/05, fl-ismijiet premessi. Illi l-ordni tal-Qorti, kienet tinkludi ordni li l-oġġetti deskritti kellhom jibqgħu fil-post fejn ġew deskritti u sabiex dawn ma jittieħdux band'oħra u dan in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrenti li ġew dedotti permezz ta' proċedura ta' rkant;

2. Illi jirriżulta li l-konjugi German ma għadhomx jirrisjedu fil-fond fejn ġew maqbuda l-affarijiet u jidher li l-oġġetti kollha li ġew deskritti ttieħdu mill-post mill-istess

By means of a decree given, on the 13th June 2013, by the Civil Court First Hall, in the records of the Warrant of Description number 2028/08 in the names Kevin Caruana et vs Carmen German et, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) et of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court First Hall, in the records of the Warrant of Description number 2028/08, Kevin Caruana (I.D. 360955M) and Antonia Caruana (I.D. 293358M) and Vincent and Catherine spouses Camilleri (I.D. 244869M and 553148M) respectively vs Carmen and Ronald spouses German (I.D. 295935M and 682440M) on the 8th March 2011, the applicant Kevin Caruana (I.D. 360955M) and Antonia Caruana (I.D. 293358M) and Vincent and Catherine spouses Camilleri (I.D. 244869M and 553148M) respectively, pleaded with respect:

1.That in execution of the judgement in the names Kevin Caruana et vs Carmen German et decided on the eleventh (11) of January of the year two thousand and five (2005), the applicants obtained the issuing of a warrant of description number 2028/08 against the respondents German in order that there be described the movable objects there are in the premises Helipolis, Flat 11, 313, Triq San Pawl il-Baħar, St. Paul's Bay, which objects were also seized by means of a warrant of seizure number 908/05, in the names premised. That the Court order, included an order that the objects described had to remain in the premises were they were described and so that these not be taken elsewhere and this in security of the rights of the applicant which were brought forward by means of a procedure of judicial sale;

2. That it resulted that the spouses German are no longer residing in the premises where the objects were seized and it appears that all the objects which were described were taken

intimati bi ksur evidenti u gravi tal-Qorti, bl-uniku skop li b'hekk jevadu dan il-mandat u l-eżekuzzjoni tas-sentenza;

3. Illi ta' dan kollu hemm bħala xhieda l-atturi Kevin Caruana u Antonia Caruana kif ukoll Vincent u Catherine konjugi Camilleri, il-marixxalli tal-Qorti, li eżegwew il-mandat u l-istess intimati;

4. Illi dan l-aġir tal-intimati jikkostitwixxi disprezz tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, sabiex jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna:

1) Tiddikjara illi l-intimati kissru l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, billi neħħew l-oġġetti deskritti mill-fond fejn kienu nstabu mill-marixxall u ġew deskritti u dan kontra l-ordni espressa tal-Qorti u unikament sabiex jevadu l-effetti tal-mandat u tal-eżekuzzjoni tas-sentenza;

2) Tordna lill-intimati sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, jipproduċu l-oġġetti kollha deskritti taħt penali jew sanzjoni li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tiffissa;

3) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti, jipproċedi b'kawża kontra l-intimati għad-disprezz imwettaq minnhom lejn l-awtorità tagħha, u li tali proċeduri jinbdew u jitmexxew bl-urġenza.

Rikorrenti: Mediterranea, Triq Mejjiesa, (Il-Manikata), Mellieħa.

50, Triq San Pawl, Birżebbuġa.

Intimati: Carmen u Ronald konjugi German, Triq il-Mitħna, Attard.

Qorti Ċivili Prim'Awla.

Onor. Imħallef Gino Camilleri, LL.D.

Fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2028/08 fl-ismijiet;

Kevin Caruana et

vs

Carmen German et.

Il-Qorti,

from the premises by the same respondents evidently in violation of the Court Order, with the only purpose to evade this warrant and the execution of the judgement;

3. That for all this there are as witnesses Kevin Caruana and Antonia Caruana as well as Vincent and Catherine spouses Camilleri, the Court Marshalls, which executed the warrant and the same respondents;

4. That this behaviour of the respondents, constitutes contempt of the order of this Honourable Court.

Thus the applicants respectfully pray this Honourable Court so that saving any necessary and opportune declaration;

1) It declares that the respondents violated the orders of this Honourable Court by removing the objects described from the premises where they were found by the marshall and were described and this against the express order of the Court and solely to avoid the effects of the warrant and the execution of the judgement;

2) Order the respondents so that within a short and peremptory period that this Honourable Court shall fix they bring forward all the objects described under penalty or sanction that this Honourable Court may fix;

3) Order the Court Registrar to proceed with a cause against the respondents for contempt carried out by them towards the Court authority and that such procedures be commenced and proceeded with urgently.

Applicant: Mediterranea, Triq Mejjiesa (Il-Manikata), Mellieħa.

50, Triq San Pawl, Birżebbuġa.

Respondents: Carmen and Ronald spouses German, Triq il-Mitħna, Attard.

Civil Court First Hall.

Hon. Mr Justice Gino Camilleri, LL.D.

In the records of the Warrant of Description number 2028/08, in the names;

Kevin Caruana et

vs

Carmen Geman et.

The Court,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika lill-intimati konjugi German b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Illum 9 ta' Marzu 2011.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Having seen the application,

Orders that the respondents spouses German be notified and are to file a reply within one week.

Today 9th March 2011.

Registry of the Superior Courts, today 17th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1048

Illi b'Ċedola ta' Depożitu minn Paul Cardona fit-8 ta' Jannar, 2013, qed jiġi depożitat l-ammont ta' €2,042.86 ta' fidi ta' ċens tal-fond bla numru però jġib l-isem ta' "Mar-Paul," Triq Ċikku Bonaci, Birkirkara mibni fuq sit fabbrikabbli magħruf bħala plot numru sebgħa (7) mill-għalqa imsejħa "Ta' Sqaq l-Għoġla," konfinanti mit-Tramuntana ma' plot numru sitta (6) proprjetà ta' George Camilleri, mill-Punent mal-imsemmija "Triq Ċikku Bonaci", qabel magħrufa bħala "Sqaq l-Għoġla" u min-Nofsinhar ma' beni ta' Romeo Borg, jew l-aventi kawża tiegħu, bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi tagħha kollha.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla Ċivili (Malta), illum 18 ta' Ġunju, 2013.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by a Schedule of Deposit filed by Paul Cardona, on the 8th January, 2013 is depositing the amount of €2,042.86 of ground rent of a property with no number known as "Mar-Paul," Ċikku Bonaci Street, Birkirkara, build on a factory site known as plot number seven (7) known as "Ta' Sqaq l-Għoġla," bounded on the North with plot number six (6) property of George Camilleri, on the West with the said "Triq Ċikku Bonaci" formerly known as "Sqaq l-Għoġla" and on the South pertaining to Romeo Borg or successors in title, with all its rights, appurtenances and enjoyments.

Registry of the First Hall of Civil Courts (Malta), today the 18th June, 2013.

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1049

B'digriet tat-13 ta' Mejju, 2013, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-21 ta' Frar, 2013, minn Kevin Azzopardi (K.I. 78078M) u martu Frances Azzopardi (K.I. 27980M) l-imsemmija Kevin Azzopardi et qed jitolbu sabiex jiġi revokat id-digriet tal-14 ta' Frar, 2013, fejn ordnat li jinħatar Arkitett u Inginier Ċivili bħala espert sabiex jagħmel l-istima tal-propjetà immobbli u minflok tigi aċċettata l-istima u rapport tal-Perit Stephen Mangion tat-23 ta' Awwissu, 2011.

Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lid-debitur b'erbat ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2013.

DIANE MIFSUD
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 13th May, 2013, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 21st February, 2013, by Kevin Azzopardi (I.D. 78078M) and his wife Frances Azzopardi (I.D. 27980M), the said Kevin Azzopardi et are asking that the decree of the 14th February, 2013, where it was ordered that an Architect and Civil Engineer be appointed as an expert to make an estimate of the immobile property, be revoked and instead the estimate value and report of the Architect Stephen Mangion of the 23rd August, 2011, is accepted.

The Court ordered that the debtor be notified with four days to file a reply.

Registry of the Superior Courts, this 20th June, 2013.

DIANE MIFSUD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1050

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Ġunju, 2013, fl-atti tal-Protest numru 176/13, fl-ismijiet Antoine Camilleri vs Louis Camilleri, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Protest, ippreżentat, fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Antoine Camilleri, (K.I. 43618G), f' ismu personali u għan-nom tal-eredi ta' martu Angele Camilleri vs Louis Camilleri, (K.I. 177347M), Paul Camilleri, (K.I. 185360M) fit-18 ta' April, 2013, l-interpellant Antoine Camilleri, (K.I. 43618G), f'ismu u għan-nom tal-eredi ta' martu Angele Camilleri, espona bir-rispett;

1.Illi dan il-protest qiegħed isir mill-protestant Antoine Camilleri, bħala armel tal-mejta u mill-protestanti l-oħra bħala ko-eredi ta' Angele Camilleri;

2.Illi Angele Camilleri, mietet fit-18 ta' Marzu, 2010. Illi għalkemm għaddew tliet snin mill-mewt ta' omm il-protestati, il-protestati qegħdin iwaqqfu l-proċess sabiex tiġi ffirmata l-causa mortis li tirreferi għall-mewt ta' ommhom;

3. Illi minħabba dan l-aġir tal-protestati, il-protestanti qegħdin isofru preġudizzju serju stante li l-interessi fuq it-taxxa dovuta fuq din il-causa mortis qegħdin jikbru sena wara l-oħra,

4. Illi jirriżulta li preżentement it-taxxa dovuta tammonta għal ċirka sitta u tletin elf euro (€36,000).

5. Illi dan l-aġir tal-protestati huwa abbużiv u illegali u qiegħed jikkawża preġudizzju serju u gravi lill-protestant u lit-tfal tiegħu bħala eredi ta' ommhom.

Għaldaqstant permezz tal-preżenti protest, il-protestant, filwaqt li jġib l-espost a formali konoxxjenza tagħkom, jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa minn meta tirċievu dan il-protest, il-protestati jieħdu dawk il-passi neċessarji sabiex jaċċettaw li jiffirmaw il-causa mortis relattiva u jpoġġi in dolo, culpa et mora, lill-protestati għal dan l-aġir abbużiv u illegali tagħhom u jirriżerva d-dritt li jieħu kull azzjoni neċessarja.

Notifika: 64, 'Villa Louisiana' Triq Ant. Schembri, San Ġwann.

The Old Farmhouse, Triq il-Ħarrub, Swieqi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 20th June 2013, in the records of the Protest number 176/13, in the names Antoine Camilleri vs Louis Camilleri, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Protest, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Antoine Camilleri, (I.D. 43618G), in his own name and on behalf of the heirs of his wife Angele Camilleri, vs Louis Camilleri , (I.D. 177347M), Paul Camilleri, (I.D. 185360M), on the 18 th April, 2013, the interpellant Antoine Camilleri, (I.D. 43618G), in his own name and in the name of the heirs of his Angele Camilleri, respectfully pleaded;

1.That this protest is being made by the protesting party Antoine Camilleri as widower of the deceased and the other protesting parties as co-heirs of Angele Camilleri;

2. That Angele Camilleri died, on the 18th March, 2010. That although three years lapsed from the death of the mother of the respondents, they are stopping the process in order that the cause mortis which refers to the death of their mother, be signed;

3. That due to this behaviour of the respondents, the protesting parties are suffering serious prejudice since the interests on the tax due on this causa mortis are increasing yearly.

4. That it results that presently the tax due amounts to circa thirty six thousand euro (€36,000).

5. That this behaviour of the respondents is abusive and illegal and is causing serious and grievous prejudice to the protesting party and his children as heirs of their mother.

Thus by means of the present protest, the protesting party whilst bringing the above to your formal notice calls upon you so that within a week from when you recieve this protest, the respondents take the necessary steps to sign the relative causa mortis and puts the respondents in dolo, culpa et mora for this abusive and illegal behaviour and reserve the right to take the necessary action.

Service: 64, 'Villa Louisiana' Triq Ant. Schembri, San Ġwann.

The Old Farmhouse, Triq il-Ħarrub, Swieqi.

Registry of the Superior Courts, today 20th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1051

B'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2013, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artiklu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Frar, 2013, minn Bank of Valletta p.l.c. (C2833) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

1. Il-garaxx, magħruf bħala garaxx numru dsatax (19), li jinsab sottopost għall-blokk ta' appartamenti magħruf bħala "The Corinthians", li jinsab fi Triq il-Qroll, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u jikkonfina mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq, u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' St. Paul's Court Limited, u huwa soġġett għas-subċens annwu u temporanju ta' għaxar liri Maltin (Lm10.00) għar-rimanenti mitt (100) sena li bdew jiddekorru mill-1 t'April, 1969.

2. L-appartament bl-arja tiegħu, internament immarkat bin-numru tlieta (3), li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti mingħajr numru u bl-isem ta' "Bay View Flats", fi Triq il-Pijunieri, qabel magħrufa bħala Bay Street, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, sovrastanti proprjetà ta' terzi. L-imsemmi blokk jikkonfina mill-Punent mal-imsemmija Triq, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Joseph Fenech u Lawrence Cuschieri jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu. L-imsemmi appartament għandu entratura u s-sistema tad-drenaġġ komuni mal-appartamenti l-oħra tal-blokka, mill-bqija liberu u battal.

L-imsemmi fond hu proprjetà ta' Philip Azzopardi (K.I. 178444M) u Maria Dolores Azzopardi (K.I. 423543M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju, 2013.

DIANE MIFSUD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 11th June, 2013 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 25th February, 2013, by Bank of Valletta p.l.c. (C2833), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

1. A garage, known as garage number nineteen (19), underlying a block of apartments known as "The Corinthians", situated in Triq il-Qroll, Buġibba, limits of St. Paul's Bay, and bounded on the North by the said road, and from all other boundaries bounded by the property of St. Paul's Court Limited, and is subject to an annual and temporary sub ground rent of ten Maltese liri (Lm10.00) for the remaining period out of the original period of one hundred (100) years which started running on the 1st April, 1969.

2. An apartment with its own airspace, internally marked with the number three (3), forming part of a block of unnumbered apartments known as "Bay View Flats", in Triq il-Pijunieri, formerly known as Bay Street, Buġibba, limits of St. Paul's Bay, overlying the property belonging to third parties. The said block is bounded on the west by the said road, on the east and south by the property of Joseph Fenech and Lawrence Cuschieri or their successors in title. The entrance and drainage system of the said apartment are in common with the other apartments of the block, otherwise free and unencumbered.

The said tenement is the property of Philip Azzopardi (I.D. 178444M) and Maria Dolores Azzopardi (I.D. 423543M).

Registry of the Superior Courts, this 20th June, 2013.

DIANE MIFSUD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1052

B'digriet mogħti, fit-18 ta' Ġunju, 2013, mill-Bord li jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Gevimida Limited (C 3558) vs Robert Borġ, Rikors numru 57/13 GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Bord li jirregola l-Kera, fl-ismijiet Gevimida Limited (C 3558) vs Robert Borg

By means of a decree given, on the 18th June 2013, by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application, in the names Gevimida Limited (C 3558) vs Robert Borg, Application number 57/13 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the Rent Regulation Board, in the names Gevimida Limited (C 3558) vs Robert

(405389M) fis-17 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrenti Gevimida Ltd (C 3558) talbet lil dan l-Onorabbli Bord, prevja kull dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa;

I. Jiddeċiedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Ordninanza li tirregola t-tiġdid tal-kiri ta' bini, tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn dan il-Bord, jiżgombra mill-appartament numru 69, 'Marshall Court' Blokk D, Triq ir-Rebħa, Gżira u jirritorna lill-esponenti ċ-ċwievet kollha tal-istess, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom il-ħlas tal-arretrati ta' kera.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

B'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti skont il-ligi, kif mitlub fir-rikors.

Rikorrenti: Gevimida Limited (C 3558)
Ciel de Bleu, 48,
Triq Anton Schembri,
Kappara,
San Ġwann.

Intimat: Robert Borg (405389M)
69, 'Marshall Court' Triq ir-Rebħa,
Gżira.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Bord tal-Kera) illum 20 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

Borg (405389M) on the 17th May 2013, the applicant Gevimida Ltd (C 3558) asked this Honourable Board, saving any declaration it deems fit;

1.To decide according to the demands without proceeding to a hearing of the cause in terms of article 16A of the Ordinance regulating the Renewal of the Lease, order the respondent so that within a short and peremptory period which shall be fixed by this Board, vacate the appartment number 69, 'Marshall Court' Blokk D, Triq ir-Rebħa, Gżira and return to the applicant all the keys of the same and uphold all the other demands in the application, amongst which the arrears of rent.

With costs and legal interests against the respondent, summoned so that a reference to their evidence be made.

Saving any other action due to the applicant according to law, as demanded in the application.

Applicant: Gevimida Limited (C 3558)
Ciel de Bleu, 48,
Triq Anton Schembri,
Kappara,
San Ġwann.

Respondent: Robert Borg (405389M)
69, 'Marshall Courtr' Triq ir-Rebħa,
Gżira.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 20 th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1053

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' April 2013, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-31 ta' Ottubru, 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alexandra Attard (K.I. 623963M) ta' Sea Haven, Flat 9, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €788.51 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 5th April, 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 31st October, 2012, whereby they asked the Tribunal to condemn Alexandra Attard (I.D. 623963M) of Sea Haven, Flat 9, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €788.51 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

Il-kawża (Avviż Nru 732/12GB) hija differita għall-5 ta' Lulju, 2013, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Ġunju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 732/12GB) is put off on the 5th July, 2013, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1054

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2013 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1449/13, fl-ismijiet Paul Falzon noe vs Jason Manuel Briffa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 891(1) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum 20 ta' Mejju 2013

Lil Jason Manuel Briffa (KI 121193M) ta' Triton, Flat Nru 3, Triq il-Knisja, San Ġiljan.

Permezz tal-preżenti, Paul Falzon (KI 422060M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Tlata Operations Limited C20733) ta' Hardstone Quarry, No 32, 15, Misraħ Suffara, l/o Rabat, filwaqt li jirreferik għall-kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Lulju 2008, atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia (kopja annessa), jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tan-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma ta' €127,897.00 rappreżentanti flejjes li inti għandek tgħaddi lill-mittenti għal materjal ta' bini u van tal-marka Mitsubishi Pajero, numru tar-reġistrazzjoni CBP013.

Inti mgħarraf illi dan id-dejn, kostitwit permezz tal-att pubbliku surreferit huwa ċert, likwidu, dovut u skadut u għalhekk jikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Jekk inti tonqos li tottempera ruħek mal-preżenti fiż-żmien stipulat, se jittieħdu proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħek mingħajr ebda preavviz ieħor, inkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th May 2013 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1449/13, in the names Paul Falzon noe vs Jason Manuel Briffa, the following publication for the purpose of service of the respondent was ordered in terms of Article 891(1) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 20th May 2013

To Jason Manuel Briffa (I.D. 121193M) of Triton, Flat 3, Triq il-Knisja, San Ġiljan.

By the present Paul Falzon (I.D. 422060M) for and on behalf of Tlata Operations Limited (C 20733) of Hardstone Quarry No 32, 15, Misraħ Suffara, l/o Rabat, whilst refering to the constitution of debt of the 28th July 2008, in the acts of Notary Doctor Jean Paul Farrugia (a copy is attached herewith), calls upon you so that within two days from the day of service of this judicial letter you pay the sum of €127,897.00 representing the amounts that you have to pay to the applicant for construction material and a van of the type Mitsubishi Pajero, registration number CBP013.

You are informed that this debt constituted by means of a public deed is certain, liquid and due and that therefore it constitutes an executive title in terms of Article 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

If you fail to comply with the above within the stipulated timeframe, further judicial procedures will be initiated against you without further notice, including the issuing of the opportune warrants.

So much for your own guidance.

With costs.

Registry of the Superior Courts today 21st June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1055

B'digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru, 2013, mill-Bord li jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Victor Vella et vs Brian Micallef et, rikors numru 60/13 GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Spiridione Chetcuti u martu Isabelle Chetcuti, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li jirregola l-Kera, fl-ismijiet Victor Vella (K.I. 361066M) u martu Marisa Vella (K.I. 394170M) vs Brian Micallef (K.I. 479086M), Spiridione sive Dione Chetcuti (K.I. 266265M) u martu Isabelle Chetcuti (K.I. 454469M) in solidum bejniethom, fit-23 ta Mejju, 2013, ir-rikorrenti Victor Vella u martu Marisa Vella, talbu l-intimati jgħidu għaliex m'għandux dan l-Onorabbli Bord:

1. Jisma u jiddeċiedi dan ir-rikors billi jilqa' t-talbiet tagħhom mingħajr ma jgħaddi għas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddikjara illi l-intimati kienu morużi fil-ħlas tal-kera skont il-ftehim li kellhom mar-rikorrenti u konsegwentement tordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond, 'Zapps' f Marfa Road, l-Għadira, limiti tal-Mellieħa, fi żmien qasir u perentorju, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, inklużi l-ħlas tal-arretrati ta' kera.

Bl-imgħax legali kif mitlub fir-rikors u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti, fir-rigward tal-kirja fuq imsemmija.

Rikorrenti: 127, Simara, Triq il-Qortin, Mellieha.

Intimati: 1).....omissis.....

2) Spiridione Chetcuti, 13, Madonna tal-Ħniena, Triq il-Plejju, L-Imgarr, Malta.

3) Isabelle Chetcuti, 13, Madonna tal-Ġniena, Triq il-Plejju, L-Imġarr, Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord tal-Kera) illum 21 ta' Ġunju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a decree given on the 18th October, 2013, by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application in the names Victor Vella et vs Brian Micallef et, application number 60/13 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, Spiridione Chetcuti and his wife Isabelle Chetcuti, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Victor Vella (I.D. 361066M) and his wife Marisa Vella (I.D. 394170M) vs Brian Micallef (I.D. 479086M), Spiridione sive Dione Chetcuti (I.D. 266265M) and his wife Isabelle Chetcuti (I.D. 454469M) in solidum betwee them, on the 23rd May, 2013, the applicants Victor Vella and his wife Marisa Vella, asked the respondents to state why this Honourable Board should not:

1. Hear and decide this application by upholding their demands without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta, declare that the respondents were in delay in the payment of rent according to the agreement they had with the applicants and consequently order the eviction of the respondents, from the premises 'Zapps' in Marfa Road, Għadira, limits of Mellieħa, within a short and peremptory period and uphold the other demands in the application, including the payment of arrears of rent.

With legal interest as demanded in the application and saving any other action due to the applicants as regards the lease above mentioned.

Applicant: 127, Simara, Triq il-Qortin, Mellieħa.

Respondents: 1).....omissis.....

2) Spiridione Chetcuti, 13, Madonna tal-Ħniena, Triq il-Plejju, L-Mġarr, Malta.

3)Isabelle Chetcuti, 13, Madonna tal-Ħniena, Triq il-Plejju, L-Mġarr, Malta.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 21st June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti, fil-31 ta' Mejju, 2013, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Carmelo Calleja et vs Godfrey Zammit et, rikors numru 390/07, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Concetta Schembri, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet Ċitazz. Numru 390/07, Sentenza 9 ta' Ottubru, 2012, Carmelo u Victoria konjugi Calleja detenturi rispettivament (K.I. 358958M) u (K.I. 513456M) vs Godfrey Zammit u Monica konjugi Zammit, detenturi rispettivament (K.I. 116660M) u (K.I. 758856M) u Maria Concetta Schembri, fid-29 ta' Ottubru, 2012, ir-rikorrenti Carmelo u Victoria konjugi Calleja, esponew bir-rispett:

Illi l-atturi ntavolaw rikors ġuramentat, nhar it-3 ta' April, 2007, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fejn l-atturi intavolaw kawża ta' spoll kontra l-konvenuti stante li l-konvenuti waqfu u qaċċtu s-sistema tat-tank tal-ilma tagħhom fejn għalhekk l-atturi fetħu kawża ta' spoll u ppremettew is-segwenti;

Illi r-rikorrenti atturi huma propjetarji tal-fond bin-numru 110, Canon Road, Santa Venera, liema fond għandu fuq wara żewġ btieħi, liema aċċess tagħhom huwa esklussivament mill-fond propjetà tar-rikorrenti atturi.

Illi l-propjetà tar-rikorrenti atturi hija propjetà terran, mentri l-propjetà tal-konvenuti hija l-propjetà sovrastanti l-fond tal-istess atturi.

Illi madwar sena u tlett xhur ilu, l-intimati konvenuti, b'mod abbużiv u illegali u mingħajr il-kunsens jew awtorizzazzjoni tar-rikorrenti atturi fetħu twieqi li jagħtu għall-bitieħi propjetà tar-rikorrenti atturi u għamlu gallariji li jagħtu direttament għal fuq waħda mill-bitieħi, tar-rikorrenti atturi.

Peress illi l-intimati b'dawn ix-xogħlijiet eżegwiti minnhom u jew minn persuni mqabbdin minnhom, invadew l-arja tal-bitieħi tal-istess rikorrenti atturi mingħajr il-kunsens u jew awtorizzazzjoni tagħhom;

Peress illi dawn ix-xogħlijiet huma abbużivi u illegali oltre li servew biex ikkreaw servitujiet ġodda u aggravaw servitujiet ġa eżistenti bi preġudizzju serju għall-istess rikorrenti atturi.

By means of a decree given, on the 31st May, 2013, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Carmelo Calleja et vs Godfrey Zammit et, application number 390/07, the following publication was ordered for the purpose of service of Maria Concetta Schembri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Appeal Application, filed, in the Court of Appeal, in the cause in the names Writ of Summons Number 390/07, Judgement, 9th October 2012, Carmelo and Victoria spouses Calleja, holders respectively of identity card numbers 358958(M) and 513456(M) vs Godfrey Zammit and Monica spouses Zammit, holders respectively of identity card numbers 116660(M) and 758856(M) and Maria Concetta Schembri, on the29 th October 2012, the applicants Carmelo and Victoria spouses Calleja, respectfully pleaded:

That the plaintiffs, filed a sworn application, on the 3rd April 2007, before the First Hall Civil Court, whereby the plaintiffs filed a cause for spoliation against the defendants, since the defendants stopped and uprooted their water tank system, and thus the plaintiffs instituted a cause for spoliation and premised the following;

That the applicant plaintiffs are the owners of the premises with number 110,Canon Road, Santa Venera, which premises has two yards on the back, which can be acceded to exclusively from the property of the applicant plaintffs.

That the property of the applicant plaintiffs, is a grounfloor property, whilst the property of the defendants is the property overlying that of the same plaintiffs.

That about one year three months ago, the defendant respondents, abusively and illegally and without the consent and authorisation of the applicant plaintiffs, opened windows which abutt on property of the applicant plaintiffs and fixed balconies which directly abutt on one of the yards of the applicant plaintiffs.

Whereas the respondents, due to these works carried out by them or by persons appointed by them, invaded the airspace of the yards of the same applicant plaintiffs, without their consent or authorisation;

Whereas these works are abusive and illegal besides serving to create new servitudes and aggravated already existing servitudes, causing serious prejudice to the same applicant plaintffs.

Peress illi r-rikorrenti atturi interpellaw lill-konvenuti intimati sabiex jagħlqu tali aperturi, twieqi u gallarji u jpoġġu l-affarijiet kif kienu qabel.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti intimati, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-ragunijiet premessi, għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1.Tiddikjara li d-diversi xogħlijiet magħmulha fil-fond tal-konvenuti jammontaw għal krejazzjoni u/jew aġġravar ta' servitujiet a preġudizzju tal-fond tal-atturi, oltre li huma abbużivi u illegali u dan jekk hemm bżonn okkorrendo l-ħatra ta' periti nominandi;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti intimati, sabiex fi żmien qasir u perentorju ineħħu u/jew jirrimedjaw dawk ix-xogħolijiet kollha li jiġu lilhom indikati mill-istess Qorti, li jirriżultaw abbużivi u illegali.

3. U fin-nuqqas tawtroizza lill-atturi rikorrenti sabiex jeżegwixxu huma stess ix-xogħlijiet ordnati mill-Qorti, a spejjeż tal-konvenuti intimati.

4. Tagħti kull provvediment ieħor u tagħti kull ordni li jidhrilha xierqa u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti intimati ingunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti ntavolaw risposta ġuramentata datat 11 ta' Ġunju, 2007, f'liema risposta ġuramentata l-konvenuti ppremettew;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eċċipjenti ma kkommettew ebda spoll fil-konfront tal-istess atturi u f' kull każ ma jirrikorrux l-elementi meħtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll privileġġjat;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi nhar id-9 ta' Ottubru 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet il-kawża wara li semgħet il-provi kollha fejn tenniet li ma kienx jeżisti l-element ta' pussess, minħabba l-fatt li skont il-Qorti, l-atturi kienu qegħdin jiddetjenu tali tank tal-ilma fuq mera tolleranza tal-konvenuti u xejn anqas.

Illi l-atturi minħabba din is-sentenza ħassew ruħhom aġġravati bis-sentenza mogħtija nhar id-9 ta' Ottubru, 2012, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Whereas the applicant plaintiffs called upon the respondent defendants to close such apertures, windows and balconies and put everything as it was before.

Thus the respondent defendants are to state saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised, why this Court should not:

1. Declare that the various works carried out in the premises of the defendants amount to the creation and/or aggravation of the servitudes to the prejudice of the premises of the plaintiffs, besides being abusive and illegal, and if necessary by means of the appointment of referees;

2. Consequently condemn the respondent defendants, so that within a short and peremptory period they remove and /or remedy all those works indicated to them by the same Court, which result abusive and illegal.

3. And in default authorise the applicant plaintiffs, to carry out themselves the works ordered by the Court, at the expense of the respondent defendants.

4. Make any other provision and give every order it deems fit and opportune in the circumstances.

With costs, against the respondent defendants, summoned so that a reference to their evidence be made.

That the defendants filed a sworn application dated 11 th June 2007, in which sworn application the defendants premised;

That the plaintiff's demands are unfounded in fact and at law as the defendants did not commit any spoliation in regard of the same plaintiffs and in any case there do not recurr the necessary elements, so that an action of privileged spoliation succeed;

Saving further pleas;

That on the 9th October 2012, the First Hall Civil Court, decided the cause after hearing all the proof whereby it upheld that there did not exist the element of possession, due to the fact that according to the Court, the plaintiffs, were holding the said water tank by mere tollerance of the defendants and nothing less.

That the plaintiffs due to this judgement felt aggrieved by the judgement given on the 9th October 2012, by the First Hall Civil Court.

L-Ewwel Aggravju.

Illi l-ewwel aġġravju tal-atturi appellanti tirrigwarda l-fatt li azzjoni ta' spoll huwa azzjoni li l-bażi tagħha huwa ta' ordni pubbliku, fejn għalhekk il-prinċipju tal-ispoll jirrigwarda l-fatt li meta persuna tiġi molestata fil-pussess kwalunkwe li jkollha, il-persuna jkollha d-dritt li titlob il-Qorti, permezz ta' azzjoni ta' spoll li tiġi re-inteġrata fil-ħarsien tagħha tal-pussess;

Illi f' kawża ta' spoll il-Qorti, għandha tqis biss jekk it-tliet elementi ta' (i) pussess, (ii) azzjoni arbitrarja magħmulha b' mod vjolenti u/jew b'mod klandestin u iii) entro xahrejn mid-data tal-azzjoni tal-ispoll, jissussistu sabiex jiġi sodisfatt azzjoni ta' spoll.

Illi fil-każ in dizamina l-Ewwel Qorti, b'kull rispett argumentat li fil-każ in diżamina li l-atturi kellhom dak it-tank tal-ilma fuq mera tolleranza u kwindi ma kellhom ebda dritt li jitolbu li jiġu re-inteġrati fid-drittijiet tagħhom.

Illi l-aggravju tal-appellanti tirrigwarda l-fatt b'kull rispett li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, żbaljat meta għaddiet sabiex tieħu deċiżjoni f'din il-kawża, fuq jekk it-titolu u/jew meno tal-appellanti, kienx wieħed ta' tolleranza u jew meno.

Illi kif tenniet il-Qorti, fis-sentenza Rosina armla minn Andrew Agius vs Angelo u Antonia konjugi Agius, deċiża mill-Qorti tal-Appell, tat-2 ta' Novembru, 1994, il-Qorti, rriteniet is-segwenti;

'Kif ġie konstantament ritenut mill-Qrati tagħna, il-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għall-finijiet tal-azzjoni ta' reintegrazzjoni (kif inhi l-azzjoni preżenti) m' hemmx bżonn ikun il-pussess b'titolu ta'proprjetà jew ta' servitù imma hu biżżejjed pussess kwaunkwe, anki purament materjali u 'di fatto'.

Illi il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, m'apprezzatx il-fatt li jekk l-atturi kienu għamlu ftehim ma' missier Monica Żammit u li dak il-ftehim kien ilu jissussti għal seba'/tmien snin qabel l-intavolar tal-kawża mela kwindi pussess jeżisti da parti tal-atturi ....omissis ... il-prinċipju tal-pussess huwa prinċipju ta' ordni pubbliku u mhuwiex prinċipju ta' jekk kienx hemm titolu u /jew meno.

Illi l-atturi jirritjenu li għandhom titolu, imma b' kull rispett kawża ta' spoll mhuwiex il-forum u m'huwiex il-Qorti, sabiex jissindika x'titolu jeżisti bejn il-partijiet.

...omissis...

The First Grievance.

That the first grievance of the appellant plaintiffs, refers to the fact that the action of spoliation, the basis of which is public order, whereby thus the principle of spoliation refers to the fact that when a person is molested in any possession it has, the person shall have the right to ask the Court, by means of an action of spoliation to be re-integrated in the safeguarding of its possession;

That in the case of a cause of spoliation, the Court, is to examine only whether the three elements of (i) possession (ii) arbitrary action made violently and/or clandestinely and (iii) within two months from the date of the act of spoliation, subsist in order that the action for spoliation succeed.

That in the case in question the Court of First Instance, with all respect, argued that in the case in question the plaintiffs had that water tank, by mere tollerance and thus had no right to demand that they be re-inegrated in their rights.

That the grievances of the appellants relate to the fact with all respect that the First Hall Civil Court, was mistaken, when it passed on to take a decision in this cause, whether the title and/or lack of it of the appellants, was one of tollerance or not.

That as the Court upheld, in the judgement Rosina widow of Andrew Agius vs Angelo and Antonia spouses Agius, decided by the Court of Appeal, on the 2nd November 1994, the Court, upheld the following;

'As has been constantly upheld by our Courts, the possession required by law in spoliation, for the purposes of the action of reintegration) (as is the case in the present action) it is not necessry that there is possession by title of ownership or servitude, but it is enough that there is any possession, even material and 'factual'.

That the First Hall Civil Court, did not appreciate the fact whether the plaintiffs had agreed with the father of Monica Zammit and that the said agreement had subsisted for seven/eight years before they instituted the cause, thus possession existed on the part of the plaintiffs...omissis... the principle of possession is a principle of public order and is not one whether there was a title and / or not.

That the plaintiffs uphold that they have a title, but with all respect an action for spoliation is not the forum and not the Court, to examine, what title exists between the parties.

...omissis...

Illi bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti, b'kull rispett tista' jinqala' preċedent serju li jagħti lil kull min huwa sid arja ta' bejt u fejn ma jeżistux skritturi li ma jirregolawx tankijiet ta' ilma, li jaqbad u jneħħi u jew iqaċċat tankijiet ta' terzi għax skont it-teżi tal-Ewwel Qorti, dawn ikunu qegħdin hemm fuq bażi ta' tolleranza u allura kwindi sid l-arja tal-bejt jista' jaqla' dawk it-tankijiet li ma jkunux regolati bi xi titolu u /jew skrittura.

Illi l-intenzjoni tal-leġislatur f'azzjoni ta' spoll huwa propju sabiex jinżamm ordni pubbliku sabiex kollox jitpoġġa fl-istat li kien qabel fejn jekk persuna u/jew oħra għandha xi kwistjoni fuq it-titolu u jew meno jsir proċeduri sabiex jiġi sindikat dak it-titolu. Però l-leġiżlatur qatt ma ried li persuna jieħu l-liġi b'idejha.

Illi b'kull rispett u bl-istess argument tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jekk l-Ewwel Qorti, ħasbet li dan huwa każ ta' 'mera tolleranza' anki l-mera tolleranza hija regolata b' titolu fil-liġi skont il-Kap. 16.

Illi fil-każ in diżamina l-appellanti atturi, ppruvaw it-tliet elementi u b' kull rispett l-atturi li ġabu l-provi kollha sabiex juru li t-tliet elementi sabiex jiġi soddisfatt actio spolii huma kollha preżenti f'din il-kawża.

Illi l-konvenuti appellati ma ġabu ebda prova differenti, imma anzi ġabu prova ta' 'detto del detto' għax bħala prova tkellem biss u tagħa xhieda Godfrey Zammit.

Illi in vista tal-premess u in vista tal-aggravju tagħhom l-atturi appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Carmelo u Victoria konjugi Calleja vs Godfrey Zammit u Monica konjugi Zammit u Maria Concetta Schembri, deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2012, u tilqa' l-aggravji tal-atturi appellanti u dan bl-ispejjeż, kif indikati fir-rikors ġuramentat promotur kontra l-istess konvenuti appellati.

Notifika: Godfrey Zammit et 'Windenmere'/' Triq Ta' Xmiexi, Msida.

Maria Concetta Schembri; Flt 1, No 1, Triq il-Parroċċa, Santa Venera.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 21 ta' Gunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

That by means of the judgement given , by the Court of First Instance, with all respect, a serious precedent can arise, which gives whoever is the owner of a roof airspace and where nothing in writing exists,regulating water tanks, to remove and uproot tanks belonging to third parties, because according to the thesis of the Court of First Instance, they are there on the basis of mere tollerance and thus the owner of the roof sirspace can remove these tanks which are not regulated by any title and /or writing.

That the intention of the legislator in an action for spoliation is so that public order be upheld, so that everything is put in its former state whereby, if a person, and /or has any dispute regarding the title or not procedures are held in order to examine that title. The legislator however never wanted that a person take the law in his own hands.

That with all respect and by the same argument of the First Hall Civil Court, if the Court of First Instance, considered that this is a case of ' mere tollerance' even mere tollerance is regulated by law according to Chap 16.

That in the case in question the appellants proved the three elements and with all respect the plaintiffs, brought all the necessary proof to show the three elements in order that an actio spolii succeed are present in this cause.

That the respondent defendants did not bring any different proof, but brought a proof which consisted of 'detto del detto' because, as proof and evidence only Godfrey Zammit was brought forward.

That in view of the premised and in view of their grievance the plaintiff appellants respectfully pray that this Honourable Court, cancel and revoke the judgement given by the First Hall Civil Court, in the names Carmelo and Victoria spouses Calleja vs Godfrey Zammit and Monica spouses Zammit and Maria Concetta Schembri, decided on the 9th October 2012, and uphold the grievances of the appellant plaintiffs and this with costs as indicated in the original sworn application against the same defendant appellants.

Notify: Godfrey Zammit et' Windenmere' Triq Ta' Xmiexi, Msida.

Maria Concetta Schembri, Flt 1, No 1, Triq il-Parroċċa, Santa Venera.

Reġistry of the Superior Courts (Appeals) today 21st June, 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Resgistrar, Civil Courts and Tribunals

1057

B'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2013, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-28 ta' Mejju, 2013, fuq rikors ta' BORĠ ANTHONY ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2013 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Semi detached villa numru erbgħa u erbgħin (44) bl-isem Villa Fusina u basement garaxx sottopost fi Triq Ġorġ Żammit, Attard libera u franka stmata li jiswa erba' mija u ħamsin elf ewro (€450,000).

Uffiċċju bl-isem 'Faye', fi Triq Santa Katerina, Attard libera u frank stmat li jiswa tlettax-il elf ewro (€13,000).

Il-fond bin-numru tnejn u ħamsin (52) u basement garaxx sottopost fi Triq San Pawl, Rabat, Malta libera u frank stmat li jiswa mija u ħamsin elf ewro (€150,000).

Flat bin-numru 2B, bl-isem Landsbridge Mansion, fi Islet Promenade, Buġibba soġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33), stmat li jiswa erba' mija u tletin elf ewro (€430,000).

Garaxx numru ħdax (11) bl-isem Landsbridge Mansions, fi Islet Promenade, Buġibba li jinsab fil-basement livell -1 soġġett għal ċens annwu u perpetwu rivedibbli ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16) stmat li jiswa tletin elf ewro (€30,000).

Garaxx numru sbatax (17) bl-isem Landsbridge Mansions, fi Islet Promenade, Buġibba li jinsab fil-pjan terran soġġett għal ċens annwu u perpetwu rivedibli ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16) stmat li jiswa tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000).

L-imsemmi fond huwa propjetà ta' FALZON PIERRE (K.I. 535060M) u FALZON HELEN (K.I. 506761M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma gie deskritt fl-atti tas-Subbasta Nru 69/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2013.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 3rd June, 2013, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 28th May, 2013, on the application of BORĠ ANTHONY, Tuesday, 30th July, 2013, at eleven in the morning (11:00 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in THE FIRST FLOOR OF THESE COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Semi detached villa number forty four (44) named Villa Fusina and underlying basement garage in Triq Ġorg Żammit, Attard free and unencumbered valued four hundred and fifty thousand euro (€450,000).

Office named 'Faye', in Triq Santa Katerina, Attard, free and unencumbered valued thirteen thousand euro (€13,000).

The tenement numbered fifty two (52) and underlying basement garage in Triq San Pawl, Rabat, Malta, free and unencumbered, valued one hundred and fifty thousand euro (€150,000).

Flat numbered 2B, named Landsbridge Mansion, in Islet Promenade, Buġibba, subject to annual and perpetual ground rent of two euro and thirty three cents (€2.33), valued at four hundred and thirty thousand euro (€430,000).

Garage number eleven (11) named Landsbridge Mansions, in Islet Promenade, Buġibba situated in ground floor level -1, subject to annual and perpetual ground rent reviewable of one euro and sixteen cents (€1.16) valued at thirty thousand euro (€30,000).

Garage number seventeen (17) named Landsbridge Mansions, in Islet Promenade, Buġibba situated in ground floor level, subject to annual and perpetual ground rent reviewable of one euro and sixteen cents (€1.16) valued at twenty-eight thousand (€28,000).

The said tenement is the property of FALZON PIERRE (I.D. 535060M) u FALZON HELEN (I.D. 506761M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of the file number 69/12.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 21st June, 2013.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Court and Tribunals

1058

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' April, 2013, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Abigail Sammut (K.I. 494288M) ta' f'isimha proprju u f'isem il-proprjetarji ta' Vivant Court ta' Jonquil, Plot 10, Cassarino Street, Bugibba SPB 1011, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Mejju, 2013, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil William Colin Morfitt (K.I. 33123A) u Jennifer Morfitt (Passaport Ingliż numru 452080852) ta' Flat 3, Vivant Court, Triq iċ-Ċern, Buġibba, sabiex iħallsu lill-attriċi nomine s-somma ta' €1,152.88 liema ammont huwa dovut lill-attriċi nomine.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 392/12GB) hija differita għat-28 ta' Ġunju, 2013, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Ġunju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 19th April. 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Abigail Sammut (I.D. 494288M) in her own capacity and for and on behalf of the proprietors of Vivant Court of Janquil, Plot 10, Cassarino Street, Buġibba, filed a Claim on the 28th May, 2012, whereby she asked the Tribunal to condemn William Colin Morfitt (I.D. 33123A) and Jennifer Morfitt (British Passport Number 2452080852) of Flat 3, Vivant Court, Triq iċ-Ċern, Bugibba, to pay the plaintiff company the sum of €1,152.88 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 392/12GB) is put off on the 28th June 2013 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1059

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fil-4 ta' Ġunju, 2013, Rikors Numru 561/2013, minn Raymond Pirotta, Catherine Sammut u Josephine Fenech, ulied id-decujus, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' missierhom Salvatore Pirotta, żewġ illum mejta Catherine née Ciappara, imwieled Naxxar, fejn kien joqgħod u miet fl-20 ta' Lulju, 2003, ta' 67 sena (K.I. 140236M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th June, 2013, Application number 561/2013 by Raymond Pirotta, Catherine Sammut and Joseph Fenech, children of the decujus whereby they prayed that it be declared open in their favour in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the SUCCESSION of their father Salvatore Pirotta, husband of the late Catherine née Ciappara, born in Naxxar, where he lived and died on the 20th July, 2003, aged 67 (I.D. 140236M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1060

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Ġunju, 2013, Rikors Numru 572/2013, minn Elena Caruana u oħrajn, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Elena Caruana, mart id-decujus u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviz; u favur Joseph Caruana u Martes sive Maria Theresa Schembri, ulied id-decujus u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Emanuel Caruana, żewg l-istess Elena Caruana, iben il-mejtin Joseph Caruana u Mary née Farrugia, imwieled Ħamrun, kien joqgħod Birkirkara u miet tal-Qroqq limiti tal-Imsida fil-10 ta' Frar, 2013, ta' 70 (K.I. 0032243M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Gunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th June, 2013, Application number 572/2013 by Elena Caruana and others whereby she prayed that it be declared open in favour of the same Elena Caruana, wife of the decujus and this in the quota of one half (1/2) undivided share; and in favour of Joseph Caruana and Martes sive Maria Theresa Schembri, children on the decujus and this in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the SUCCESSION of Emanuel Caruana, husband of the same Elena Caruana, son of the late Joseph Caruana and Mary née Farrugia, born in Ħamrun, resided in Birkirkara and died in tal-Qroqq limits of Imsida on the 10th February, 2013, aged 70 holding (I.D. 0032243M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1061

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Jannar, 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2630/12, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Jonathan Farrugia, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jonathan Farrugia (K.I. 373281M) ta' Pegasus, Flat 3A, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, fid-9 ta' Ottubru, 2012, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5 Misraħ San Ġorg, Valletta, VLT 1190, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €9,304.76 bilanċ għad-debitu fil-*Consumer Loan Account* tiegħek mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Lulju, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk int tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 11th January, 2013, in the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2630/12 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Jonathan Farrugia ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Jonathan Farrugia (I.D. 373281M) of Pegasus, Flat 3A, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, on the 9th October, 2012, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5 Misraħ San Ġorg, Valletta, VLT 1190, calls upon you so that within two days you pay the sum of €9,304.76 balance of debt in your Consumer Loan Accounts with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 6th July, 2012, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1062

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Frar, 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3637/12, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Middlesea Insurance plc et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Middlesea Insurance plc (polza konkluza tramite MelitaUnipol Insurance Agency Limited u Ernest Zarb ta' 127, New Street, Luqa, fil-11 ta' Diċembru, 2012, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanża tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Cassar, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Joseph Cassar (K.I. 66751M), filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-6 ta' Lulju, 2011, għall-ħabta tad-9.22 a.m. fi Triq is-Sebħ, Qormi, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHQ 044, assigurata minnek Middlesea Insurance plc (polza konkluża tramite Melita Unipol Insurance Agency Limited) u misjuqa minnek Ernest Zarb fil-ħin tal-akkadut, u l-vettura propjetà tal-mittenti Joseph Cassar bin-numru ta' reġistrazzjoni LEO 131, jinterpellawkom b'mod in solidum bejnietkom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallsu lill-mittenti Joseph Cassar is-somma ta' €55 rappreżentanti *excess payment* minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited bħala riżultat ta' dan l-inċident, u tħallsu wkoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' €1,212.38 għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek Ernest Zarb.

Il-mittenti jinformawkom illi f'każ illi t-terminu lilkom mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternativa oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tagħkom bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament għall-iskopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Gunju 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 13th February, 2013, in the records of the judicial letter number 3637/12, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Middlesea Insurance plc et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Middlesea Insurance plc (policy concluded with Melita Unipol Insurance Agency Limited) and Ernest Zarb of 127, New Street, Luqa, on the 11th December, 2012, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex and this as subbrogated in the rights of its insured Joseph Cassar, on the basis of a comprehensive type of policy and of law and the same Joseph Cassar (I.D. 66751M), whilst refering to the car accident which occured on the 6th July, 2011, at about 9.22 a.m. in Triq is-Sebħ, Qormi between the vehicle registration number HHQ 044, insured with you Middlesea Insurance plc (policy concluded with MelitaUnipol Insurance Agency Limited) and driven by you Ernest Zarb, at the time of the accident, and the vehicle property of the applicant Joseph Cassar with registration number LEO 131, calls upon you in solidum between you so that within three (3) days you pay the applicant Joseph Cassar the sum of €55 representing the excess payment paid by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited as a result of this accident, and you also pay the applicant company Fogg Insurance Agencies Limited the sum of €1,212.38 for all the payments paid to its insurer as a result of this accident, which accident occured solely because of your carlessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part Ernest Zarb.

The interpellant informs you that in case that the time given to you passes uselessly, they will have no alternative but to proceed furtherly against you by all means given by Law.

So much for your own guidance and to avoid costs and further procedures.

This judicial letter is being made particularly, but not limitedly, for the purpose of interrupting prescription in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 21st June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1063

B' digriet mogħti, fil-10 ta'Jannar 2013, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Calleja Christian vs Sammut Joseph et, rikors numru 246/12 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Vincent Calleja, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Christian Calleja (K.I. 359092M) vs Joseph Sammut (K.I. 172072M) Amanda Jane Calleja (K.I. 11177M) Vincent Calleja (K.I. 329971M) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fil-25 ta' Ottubru, 2012, ir-rikorrenti Christian Calleja (K.I. 359092M) talab il-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Joseph Sammut huwa l-missier bijoloġiku ta' Christian Calleja u l-wild ta' Amanda Jane Calleja, tordna lil konvenut u cioè lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni, kif mitlub fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Mittenti: Block D, Door 4, Flat 2, Għajn Qajet, Rabat (Malta).

Notifika: 1. .....…omissis.....

2. Vincent Calleja
Block C, Flat 53, Marshal Court,
Manoel de Vilhena Street,
Gżira.

3. .....omissis.....

4. .....omissis.....

5. .....omissis.....

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Calleja Christian vs Sammut Joseph et, rikors numru 246/12 RGM, jinsab differit għas-smigħ għall-24 ta' Ottubru, 2013, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 24 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a decree given, on the 10th January, 2013, by the Civil Court (Family Section) in the records of the Sworn Application, in the names Calleja Christian vs Sammut Joseph et, application number 246/12 RGM, the following publication was ordered for the purpose of the respondent Vincent Calleja, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Christian Calleja (K.I. 359092M) vs Joseph Sammut (K.I. 172072M) Amanda Jane Calleja (K.I. 11177M) Vincent Calleja (K.I. 329971M) Director Public Registry, on the 25th October, 2012, the applicant Christian Calleja (K.I. 359092M) asked the defendants to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the defendant Joseph Sammut is the biological father of Christian Calleja and the offspring of Amanda Jane Calleja, order the defendant and the Director Public Registry to carry out all the necessary and opportune corrections, as demanded in the application and uphold all the other demands in the application.

With costs, against the defendants from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Interpellant: Block D, Door 4, Flat 2, Għajn Qajet, Rabat (Malta).

Notify: 1. .....omissis.....

2. Vincent Calleja
Block C, Flat 53, Marshal Court,
Manoel de Vilhena Street,
Gzira.

3. .....omissis.....

4. .....omissis.....

5. .....omissis.....

The Sworn Application in the names Calleja Christian vs Sammut Joseph et, application number 246/12 RGM, has been put off for hearing to the 24 th October, 2013, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 24th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1064

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-30 ta' Mejju 2013, Rikors Numru 555/2013 minn Maria Alfreda Micallef bħala mandatarja ta' Matilde Cuschieri, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Matilde Cuschieri s-SUĊĊESSJONI ta' Carmela Falzon, xebba, bint il-mejtin Emanuel Falzon u Maria Assunta née Caruana, imwielda Tarxien u mietet Pietà fl-10 ta' April, 2010, ta' 81 sena, (K.I. 0732528M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th May 2013, Application number 555/2013 by Maria Alfreda Micallef as mandatory of Matilde Cuschieri, whereby she prayed that it be declared open in favour of Matilde Cuschieri the SUCCESSION of Carmela Falzon, unmarried, daughter of the late Emanuel Falzon and Maria Assunta née Caruana, born in Tarxien and died in Pietà on the 10th April, 2010, aged 81, (I.D. 0732528M), who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1065

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-11 ta' Gunju 2013, Rikors Numru 588/2013, minn Stephen Said fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmelo sive Charles, Salvina sive Sylvia Grixti, Vincent, Joseph, Raymond u Stephen, ilkoll aħwa Said, ulied id-decujus u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Giovanna sive Joan Said, armla minn Joseph Mary Said, bint il-mejtin Vincenzo Galea u Grazia née Bezzina, imwielda u kienet residenti Attard u mietet Pietà fis-16 ta' April 2013 ta' 78 sena u kellha karta tal-identità numru 0733134(M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th June 2013, Application number 588/2013 by Stephen Said whereby he prayed that it be declared open in favour of Carmelo sive Charles, Salvina sive Sylvia Grixti, Vincent, Joseph, Raymond and Stephen all brothers and sister Said, children of the decujus and this in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them the SUCCESSION of Giovanna sive Joan Said, widow of Joseph Mary Said, daughter of the late Vincenzo Galea and Grazia née Bezzina, born and resided in Attard and died in Pietà on the 16th April 2013 aged 78 holding identity card number 0733134(M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June, 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1066

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Gunju 2013, Rikors Numru 560/2013, minn Dorothy Camilleri, bint id-decujus fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Dorothy Camilleri fl-intier kollu tagħha is-SUĊĊESSJONI ta' ommha Giorgia Schembri, mart Nicholas, bint Giuseppe Pirotta u Caterina née Farrugia, imwieled u kien toqgħod in-Naxxar u mietet Pietà fl-4 ta' Awwissu 2000 ta' 66 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 447634(M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Gunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th June 2013, Application number 560/2013 by Dorothy Camilleri daughter of the decujus whereby she prayed that it be declared open in favour of the same Dorothy Camilleri in its entirety the SUCCESSION of her mother Giorgia Schembri, wife of Nicholas, daughter of Giuseppe Pirotta and Caterina née Farrugia, born and resided in Naxxar and died in Pietà on the 4th August 2000 aged 66 holding identity card number 447634(M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1067

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fit-30 ta' Mejju 2013, Rikors Numru 554/2013, minn Maria Alfreda Micallef bħala mandatarja ta' Matilde Cuschieri, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Matilde Cuschieri, l-eredità tal-mejjet Salvatore sive Salvino sive Sam Falzon, l-eredità tal-mejjet Giuseppe Falzon, u l-eredità tal-mejjet Carmel Falzon fi kwoti ndaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' Francesco Saverio Falzon, ġuvni, iben il-mejtin Emanuel Falzon u Maria Assunta nèe Caruana, imwieled u kien joqgħod Tarxien u miet Pietà fis-16 ta' Mejju 1988 ta' 63 u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th May 2013, Application number 554/2013 by Maria Alfred Micallef as mandatory of Matilde Cuschieri whereby she prayed that it be declared open in favour of Matilde Cuschieri, the estate of the late Salovatore sive Salvino sive Sam Falzon, the estate of the late Giuseppe Falzon and the estate of the late Carmel Falzon in equal shares between them the SUCCESSION of Francesco Saverio Falzon, bachelor, son of the late Emanuel Falzon and Maria Assunta nèe Caruana, born and resided in Tarxien and died in Pietà on the 16th May 1988 aged 63, who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*